# Il-Ħuttafa

numru 109

Marzu - April 2012

Poster fin-nofs!



Agrett Isfar

BirdLife Malta

50 YEARS 1962 - 2012

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



Desirée Falzon

Demm il-Madonna hija pjanta tax-xagħri li tikber f'għenieqed ħomor ċatti fl-art fuq blat mikxuf, qisha għadira demm! Hija fjura tar-rebbiegħa.

editorjal

# Ħbieb Ħuttaf,

Wara xitwa ftit iktar kiesħa mis-soltu, reġgħet magħna r-rebbiegħa. Ħafna berdwoċers jistennew bil-ħerqa dan l-istaġun, għax fir-rebbiegħa tiġi l-passa tal-għasafar. Miljuni ta' għasafar jitilqu mill-Afrika u jtiru lejn l-Ewropa biex ibejtu. U ħafna jieqfu Malta biex jistrieħu ftit.

Imma b'xorti ħażina, anke ħafna kaċċaturi jibdew ilestu s-snieter biex kif l-għasafar jaslu jibdew joqtluhom. X'ħasra dik!

Fir-rebbiegħa l-għasafar suppost inħalluhom bi kwiethom ħalli jmorru jrabbu familji ġodda, għax b'hekk biss l-għasafar jistgħu jibqgħu numerużi. Imma hawn min ma jimpurtahx, l-aqwa li joqtol. Trid tkun veru tuba bl-għeruq biex dil-ħaġa ma tifhimhiex.

Il-BirdLife ilha s-snin tiġġieled biex tispiċċa l-kaċċa fir-rebbiegħa. Biex iżżid mal-problema, ħafna kaċċaturi jiksru l-liġi u joqtlu għasafar protetti, bħal irsieset, bgħadan, daqquq u anke ħuttaf. Għalhekk fir-rebbiegħa l-BirdLife qed ikollha gruppi ta' nies iduru kuljum fil-kampanja. Dawn jirrappurtaw lill-pulizija kull meta jaraw kaċċatur jispara fuq għasafar protetti jew jikkaċċja f'ħinijiet jew f'postijiet fejn mhux suppost.

Jien niddejjaq meta nara kemm għad baqa' Maltin li ma jirrispettawx l-annimali. Imma mbagħad niftakar fil-mijiet ta' membri żgħar u żgħażagħ fi Klabb Ħuttaf, u nerġa' nagħmel il-qalb!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Victor Falzon

## mal-faċċata



**L-Agrett Isfar** (Squacco Heron) huwa mir-razza tal-irsieset. Narawh l-iktar fi żmien il-passa, u jħobb postijiet bl-ilma, bħal xtut u għadajjar. Bħall-irsieset u l-agretti kollha, l-Agrett Isfar huwa protett.

Ritratt ta' Victor Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'hemm ġdid? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| Mixja Mixjun | 5 |
| Attività | 6 |
| Intervista ma' fjura | 6 |
| Paġni POSTER Nru 4 | |
| X'tella' l-baħar! | 7 |
| Arti | 8 |
| X'idea dik! | 9 |
| Avviżi | 9 |
| Nħawi Naturali | 10 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

©BirdLife Malta, April 2012
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

Ray Galea




**Gamiema**
Turtle Dove




**Summiena**
Common Quail

Juan M. Simon

# 11,000 Gamiema u 5000 Summiena!

Dan huwa t-total ta' gamiem u summien li l-kaċċaturi jistgħu joqtlu dir-rebbiegħa. Għax għal darb'oħra nfetaħ l-istaġun tar-rebbiegħa biex jisparaw. U għaliex?

Tgħid għax il-kaċċaturi qed imutu bil-ġuħ u għandhom bżonn jieklu? **U ejja!**

Tgħix għax il-gamiem u s-summien żdiedu wisq? **Le, anzi qed jonqsu.**

Mela għaliex?

Il-verità hi li m'hemmx raġuni sura. Kontra kull raġuni, din ir-rebbiegħa eluf ta' Gamiem u s-Summien ser jerġgħu jinqatlu hekk, għall-gost. U min jaf kemm magħhom għasafar oħrajn li mhux suppost jinqatlu.

L-istaġun ħa jkun miftuħ 16-il ġurnata (12 sa 30 April 2012, ħlief il-Ħdud). Jiġifieri sa ma jaslilkom dal-magażin l-istaġun ikun għalaq jew wasal biex jagħlaq.

Jekk taraw min jikser il-liġi tal-kaċċa u l-insib, ċemplu lill-pulizija (ALE **22942161/2/3** jew **21224001**). DEJJEM ħallu f'idejn min hu kbir biex iċempel.

# Żidna għasfur ġdid

Joe Sultana

Ftit ġranet ilu żidna għasfur ġdid mal-lista tal-għasafar li dehru Malta. Dan huwa ż-**Żanżarell tal-Atlas** *Ficedula speculigera*, li bl-Ingliż jgħidulu Atlas Flycatcher.

Dan l-għasfur rawh xi [1]ringers tal-BirdLife fuq Kemmuna fil-15 April 2012. Dakinhar ir-ringers mhux talli rawh, imma qabduh u rringjawh (ara l-kaxxa l-ħadra). Wara li telquh, komplew jarawh għal xi tliet ijiem oħra, imbagħad sparixxa biex ikompli l-passa tiegħu.

Iż-Żanżarell tal-Atlas jixbaħ ħafna liż-Żanżarell Iswed (Pied Flycatcher), li huwa komuni fir-rebbiegħa. Dan ikollu inqas abjad fuq il-ġwienaħ.



**Żanżarell tal-Atlas**
(raġel)





Il-*bird ringing* huwa studju tal-għasafar li jsir biex nitgħallmu iktar dwarhom, speċjalment fuq il-passa tagħhom. Fir-ringing, l-għasafar jinqabdu f'xibka speċjali. B'galbu kbir, ir-ringer joħroġ l-għasfur mix-xibka, jagħmillu ċurkett żgħir tal-aluminju ma' siequ, jieħu xi noti u kejl, u jerġa' jitilqu fil-pront. Fuq dać-ċurkett ikun hemm indirizz u numru speċjali. Jekk dak l-għasfur ipassi u jerġa' jaqbdu ringer f'pajjiż ieħor, miċ-ċurkett ir-ringer isir jaf minn fejn ikun ġie dak l-għasfur.

[1]**ringer (bird ringer)** = espert tal-għasafar li għandu l-liċenzja biex jistudja l-għasafar permezz tar-ringing. Aqra iktar fil-kaxxa l-ħadra t'hawn fuq.

**Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)**

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel minn BirdLife Malta u Bank of Valletta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.


Fil-Kavango Zambezi jgħixu mat-300,000 iljunfant. L-iljunfanti spiss jivvjaġġaw, u issa ħa jkunu jistgħu.

Guido Bonett

# ENORMI!









Kbira din! L-**Angola**, il-**Botswana**, in-**Namibja**, iż-**Żambja** u ż-**Żimbabwe** għadhom kemm ftehemu bejniethom biex jiffurmaw il-**Kavango Zambezi Trans-frontier Conservation Area** (jew KaZa TFCA). Isem twil, imma bir-raġun, għax din se tkun l-ikbar biċċa *conservation area* tad-dinja: medda ta' 440,000km², jiġifieri ikbar mill-Italja, l-iSvizzera u l-Awstrija flimkien!




F'din il-medda art enormi diġà jeżistu 37 parks u riservi naturali, imma s'issa dawn kienu maqtugħin għalihom. Issa dal-proġett ħa jgħaqqadhom flimkien, u dil-ħaġa għandha tgħin immens lin-natura, għax b'hekk annimali bħall-iljunfanti jkunu jistgħu jaqsmu u jpassu minn post għal ieħor b'inqas tfixkil.

Minbarra iljunfanti, jgħixu wkoll ħippopotami, ġiraffi, antilopi, żebri, xadini, iljuni, ċita, kukkudrilli, leopardi... insomma l-lista ma tispiċċa qatt. U mijiet u mijiet ta' speċi ta' għasafar.

Għaliex din il-ħajja kollha? Għax minbarra li hija art kbira ħafna, fiha hemm ħafna ambjenti differenti, fosthom foresti, savanna, xmajjar, għadajjar, u bwar enormi.

Imma minbarra annimali, f'din l-art jgħixu wkoll ħafna nies. Għalhekk hemm bżonn li l-post jitmexxa sew ħalli n-nies jgħixu komdi imma bla ma jfaqqru l-ambjent naturali. Per eżempju, il-kaċċa għall-annimali ħa tibqa' ssir, imma fejn s'issa kienet bl-addoċċ, issa ħa tkun ikkontrollata aħjar ħalli l-annimali ma jinqerdux.




Aħna nawguraw suċċess lill-proġett Kavango Zambezi, u li bis-saħħa tiegħu annimali u pjanti li kienu sparixxaw minn xi nħawi jerġgħu jitfaċċaw.










## X'hemm ġdid?



### African Wolf

*Canis aureus lupaster*

Kienu ilhom jarawh dan l-annimal fl-artijiet tal-Afrika tal-Fuq, imma dejjem ħasbuh speċi ta' xakall. Issa bis-saħħa tad-[1]DNA, ix-xjenzati huma ċerti li dan mhu xakall xejn imma lupu. Mhux biss, imma huwa differenti biżżejjed minn speċi oħrajn ta' lpup biex tawh isem separat.

[1]**DNA** = kimika li tinsab fiċ-ċelluli ta' kull ħaġa ħajja. Mid-DNA ix-xjenzati jkunu jafu kemm annimali jew pjanti jkunu differenti minn xulxin, jew kemm jiġu minn xulxin. DNA hija **D**eoxyribo**n**ucleic **A**cid fil-qosor.

# X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**



Victor Falzon




## Taż-Żebbuġ

**Hawfinch** *Coccothraustes coccothraustes*

Dan hu l-ikbar fost il-grupp ta' għasafar imsejħa 'tal-għana' li naraw f'pajjiżna fi żmien il-passa. Jidher f'numri żgħar, għalkemm f'xi snin jaslu ammonti ikbar mis-soltu. Mhux għasfur kbir, imma jagħti dehra ta' għasfur b'saħħtu, speċjalment minħabba dak il-munqar kbir. Munqar dan l-għasfur għandu forza kbira, hekk li kapaċi jkisser anke l-għadma taċ-ċirasa u żrieragħ ibsin, li ġeneralment huma skartati minn għasafar oħra.

Taż-Żebbuġ huwa għasfur pjuttost imgerrex. F'Malta l-iktar li għandek ċans tarah hu waqt li jtir, jew f'postijiet imsaġġra, speċjalment fil-ħarifa.

Minkejja li l-għanja tiegħu hija fqira meta mqabbla ma' dik tal-għasafar tal-għana l-oħrajn, xorta kien imfittex ferm min-nassaba. Illum, bħall-għasafar tal-għana kollha, Taż-Żebbuġ huwa protett u ma jistax jinqabad. Fl-Ewropa jidher li qiegħed jonqos, u d-drawwa kerha f'xi pajjiżi, l-aktar fl-Italja ta' fuq, li jisparaw fuqu xejn mhi tgħin is-sitwazzjoni.




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

# Morna Mixja Mixjun...



Kulħadd lest għall-mixi! B'kollox konna xi 170 ruħ.



Imexxu fuq quddiem, il-Leaders Ray Bonnici u Sivie Cauchi.

Ritratti Desirée Falzon u Victor Falzon

Il-Mixja Maratona tat-18 Marzu 2012 kienet suċċess. Konna grupp sabiħ, it-temp ħareġ bellezza u mxejna 10.5km mir-Rabat sax-Xemxija.

Bħas-soltu, il-membri għamlu xi ġbir ta' fondi biex nużawhom fi proġett ta' BirdLife. Dis-sena nġabru **€1000** eżatt, bl-ikbar ġabra (€72) minn Daniela Mizzi. B'dawn il-flus se nixtru kameras biex nosservaw u nistudjaw il-bejtiet tal-għasafar. Grazzi lil kull min ġabar; lill-iskejjel primarji tal-Gudja, Mosta B u Teresa Nuzzo li attendew; lill-ħafna Leaders li mexxew u għenu fl-attività; u lil Gejxa Garage tas-servizz eċċellenti ta' trasport.



Kulħadd jittimbra l-bejtiet!



Leader Kathleen Mamo ma' Daniela Mizzi

**61 Membri, ħbieb u studenti li ġabru għall-Mixja**

Javier Agius • Gabriel Apap • Christina Attard • Gail Attard • Melanie Azzopardi • Nicole Azzopardi • Andrea Bartolo • Thea Bartolo • Daniel Borg • Jason Borg Millo • Amy Lynn Briffa • Trudie Buhagiar • Gabrielle Cachia • Jake Camilleri • John Camilleri • Kayleigh Camilleri • Kirsten Camilleri • Neil Camilleri • Niki Camilleri • Owen Camilleri • Rebekkah Camilleri • Alexia Catania • Massimo Cherett • John Chritien • Clifford ? • Reuben Curmi • Pavel Dalli • Daniel ? • Jake Debono • Kyra Jade Debono • Matthew Debono • Nicole Debono • André Deguara • Rachel Deguara • Sarah Marie Farrugia • Andrea Galea • Amy Gatt • Emma Gatt Suban • Isaac Grech • Kaydence Grech • Shania Grima • Maja Herrera • Daniela Mizzi • Daniela Muscat • Maria Nappa • Mark Nappa • Kathryn Pinkston • Jeandré Portelli • Luigi Pullicino • Juan Carlos Sammut • Daniela Scerri • Timothy Schembri • Brian Sciberras • Nicole Sciberras • Stephanie Sciberras • Kimberley Scicluna • Cheyenne Spiteri • Samuel Paul Vella • Luke Vella Gera • Mariah Zammit • Amber Zerafa

attività

Aron Tanti

# Imxu sar-Riserva!

**Is-sena l-oħra għamilna ħarġa għar-riserva tal-Għadira u l-kampanja ta' madwarha. Intgħoġbot sew mill-membri li ġew u għalhekk dis-sena ħa nirrepetuha!**

L-Għadira hija waħda mill-ftit postijiet f'Malta fejn hemm għadira kbira bl-ilma s-sena kollha. Dan huwa tajjeb ħafna għan-natura għax kif dejjem ngħidu: **"Fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja!"** Kull sena l-Għadira jidhru biss biss iktar minn 140 speċi ta' għasafar. Uħud narawhom kull sena, oħrajn rari; uħud jgħixu hemm is-sena kollha, oħrajn iżuruna fi staġuni differenti. Bħalissa jitfaċċaw l-għasafar tal-passa tar-rebbiegħa, u aħna ħa mmorru s'hemm biex naraw x'ninzertaw. Ma tafx kif jitfaċċa xi għasfur mhux tas-soltu! Per eżempju ftit granet ilu niżlu żewġ xifiet il-ġmiel tagħhom.

Aron Tanti



Munqar ix-xifa jkun milwi 'l fuq.

**Kif inkunu hemm induru dawra wkoll fuq barra tar-riserva ħalli ngawdu ftit in-natura sabiħa tax-xagħri.**

**Insomma, nisperaw li narawkom.**




data **il-Ħadd 6 Mejju 2012**
niltaqgħu **L-Għadira, ħdejn l-għassa**
ħin **9am**
nispiċċaw **xi 11am**
ġibu **tromba** (jekk għandkom)
merħba ***membri tal-Klabb u l-familja**

I ♥ Klabb Ħuttaf

Dakinhar ħa nqassmu l-istiker I ♥ Klabb Ħuttaf li jmiss, jiġifieri n-numru 4.

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir.

## Intervista ma' Fjura

Victor Falzon




X'jismek?
Jisimni Orkida Tfuħ.

Għaliex jismek hekk?
Ħeqq, naħseb għax infuħ hux!

Imma hawn ħafna fjuri jfuħu!
Iva, imma mill-orkidi Maltin, jien biss infuħ. L-oħrajn bla riħa.

I see. U inti fejn tikber?
Jien ix-xagħri nħobb.

Inti fjura komuni jew rari?
Ma ssibnix kullimkien, imma f'xi xagħriet naf inkun f'numru sabiħ. Trid tfittex sewwa però...

Tfittex sewwa għaliex?
Ħeqq daqs kemm jien qasira! Jekk ma tħarisx sew ma taranix.

Fir-ritratt tidher kbira...
U x'ee! Dak għax min ħadli r-ritratt xkaxxa wiċċu fl-art!

F'liema żmien tikber?
Fir-rebbiegħa, imma kif tibda x-xemx sew malajr ninxef.

Għandek xi problemi?
Xi nassaba jbexxu jew jaħarqu x-xagħri biex jifirxu x-xbiek. U kull fjura li tkun hemm ċawċaw!

Grazzi tal-ħin tiegħek.
Xejn ruħi, tkun 'l hawn għaddi.



Għandek xi ħarġiet ta' Il-Ħuttafa neqsin?
Iktbilna u naraw naqdukx. Ħafna *back issues* ilhom li spiċċaw, imma ma tafx kif forsi nsibu dak li trid.
il-huttafa@birdlifemalta.org
Kull *back issue* tiswa **€2** (bil-posta b'kollox).




Dis-sena l-BirdLife għalqet 50 sena u biex infakkru dan ħriġna magg speċjali. Kif taraw mir-ritratt, dan fih l-arma tal-BirdLife u l-logo speċjali tal-anniversarju. Trid wieħed bħala tifkira? Jew forsi tfaddal il-maggijiet? Mela ordna jew ixtri wieħed qabel jispiċċaw.
BirdLife MALTA for birds and nature
50 YEARS 1962 - 2012
Il-magg jiswa €5 u ssibu mingħand il-BirdLife (tel 21347644/5) jew mir-riservi tal-Għadira u Is-Simar.

Poster Nru 4
Il-Ħuttafa

BirdLife MALTA 50 YEARS 1962 - 2012





# Isfar

L-Isfar (Yellow Wagtail) huwa għasfur komuni li narawh fil-pases tar-rebbiegħa u tal-ħarifa. Jidhru eluf minnhom, imma ftit idumu.

Ritratt ta' Ian Balzan

# Għandkom fejn tmorru l-Ħadd li ġej?

## Jekk le, aqbżu qabża sar-riservi naturali ta'...

Victor Falzon




jew...

Jason Aloisio




Bħalissa fl-Għadira u f'Is-Simar jitfaċċaw l-għasafar tal-passa, bħall-Agrett Abjad, ir-Russett Griż, it-Tajra Safra, l-Isfar, il-Bagħdan Aħmar, forsi xi Gamiema jew Daqquqa Kaħla. Ma tagħrfux l-għasafar? Mhix problema, għax fir-riservi naturali ssibu nies tal-BirdLife biex idawrukom u jispjegawlkom. Bla ħlas! Sibtijiet u Ħdud mill-10am sa 4pm (sa 31 Mejju) kollu tagħkom.




# X'tella' l-baħar!

Ix-xitwa li għaddiet għamel ftit maltemp sew, u darba minnhom kellna grigalata li tellgħet forza kważi ta' uragan. Peress li ħafna portijiet u bajjiet f'Maltin qegħdin faċċata tal-grigal (northeast), meta jaħkem riħ u baħar minn dik in-naħa spiss jagħmel ħsarat. Il-mewġ u l-kurrent qawwi jagħmlu ħerba anke mill-qiegħ tal-baħar, u wara xi grigalata jkun interessanti tmur mixja max-xatt ħalli tara x'ikun tella' l-mewġ!

Dawn ir-ritratti juru xi affarijiet li tella' l-baħar fuq ir-ramla tal-Bajja tal-Mellieħa wara l-grigalata ta' ftit ġimgħat ilu.



Il-ħaġa tonda hija Ballun tal-Baħar, tip ta' alga, u l-ħafna taħbil qisu spag u xbiek huma friegħi u fdalijiet taċ-Ċimodoċja, pjanta tal-baħar.



L-iskeletru delikat ta' Rizza. Dan jgħidulu test.



Dawn il-blalen jiffurmaw meta fdalijiet tal-Posidonja jitħalltu mar-ramel u jirrumblaw fil-qiegħ biċ-ċaqliq tal-mewġ.



Qxur ta' Koċċla tal-Għonq.



Għadma ta' Siċċa. Proprja mhi għadma xejn imma bħal qarquċa fil-ġisem tas-Siċċa li jgħinha fl-għawm.



Qxur ta' arzell u ta' Bekkum (bebbuxu tal-baħar).






L-iskeletru ta' tip ta' rizzi li flok xewk ikollhom bħal kisja suf. Dawn ir-rizzi jgħixu midfunin fir-ramel.

Ritratti kollha ta' **Joseph Vella**, ħlief tal-mewġ iħabbat (Aron Tanti) u tal-għadma ta' Siċċa (Victor Falzon).
Grazzi lill-esperti **Edwin Lanfranco** u **Michael Gatt** talli għarfulna xi speċi.

**arti**

Agħti kulur lill-istampa.

# Peprin Aħmar

Red Poppy



Victor Falzon





Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) u aħna nġibuhomlkom f'dil-paġna, basta jkunu veru tagħkom. Tistgħu tibagħtuhom

- **bil-POSTA*** lil
  **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta**
  **57/28 Triq Abate Rigord**
  **Ta' Xbiex XBX 1120**

jew

- **bl-IMEJL** (jpg, pdf, tif) lil
  **il-huttafa@birdlifemalta.org**

*Materjal li tibagħtulna bil-posta ma nkunux nistgħu nibagħtuhulkom lura.



Aron Tanti



**Blonġun Sekond**
Francesco Tanti (5)






**Silfjun**
Peter Vella (9)

## ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (16)



**GARDELL**



Desirée Falzon

# X'idea dik!

## Ideat li l-bniedem ikkopja min-natura



burdock







Victor Falzon

Darba, xi 80 sena ilu, wieħed Svizzeru jismu Georges de Mestral ħa l-kelb tiegħu mixja fil-kampanja. Meta mar lura d-dar, innota li mwaħħlin mas-suf tal-kelb kien hemm ħafna qishom blalen żgħar. Qabad wieħed minn dawn u nduna li kienet żerriegħa tal-*burdock*, li hija tip ta' xewka. Qabditu l-kurżità biex ikun jaf kif din kienet weħlet mal-kelb. Eżaminaha taħt mikroskopju u sab li kellha ħafna ganċijiet irqaq. Dawn il-ganċijiet qegħdin apposta biex jeħlu mas-suf ta' annimali li jħokku mal-pjanta, u b'hekk il-pjanta xxerred iż-żerriegħa tagħha.

De Mestral baqa' jaħseb fuq dil-ħaġa u peress li kien inventur, ġietu l-idea li joħloq materjal li naħa jkollu ganċijiet irqaq u naħa oħra jkollha materjal sufi, u b'hekk twieled... il-Velcro!

Illum il-Velcro jintuża f'ħafna affarijiet, speċjalment fi ħwejjeġ, żraben, basktijiet, ħrieqi u mitt ħaġ'oħra. Jużawh anke fl-ilbies tal-astronawti. Għax komdu iktar minn buttuni, lazzijiet u żippijiet.

Insomma, idea brillanti oħra li tathielna n-natura!



Għoddu kemm għandkom affarijiet id-dar li jingħalqu bil-velcro.



Kif jidher il-velcro taħt il-mikroskopju.

F'Malta ma tikbirx il-*burdock*, imma għandna pjanti li jużaw l-istess trikk biex ixerrdu ż-żerriegħa. Fost dawn hemm diversi tipi ta' nefel (*medicks*). Dawn jagħmlu mżiewet tondi jew qishom romblu u kollha ganċijiet. Żgur qabdulkom mal-kalzetti xi darba!



Alex Casha

Nefel tax-Xatt (*Coastal Medick*)

# AVVIŻI

### Kompetizzjoni Poster

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni Poster kien **Dario Ellul** minn Marsascala, li qata' li l-għasfur ta' Poster 4 kien Isfar. Ftit ieħor Dario jirċievi *pin badge* ħelwa ta' għasfur. Prosit Dario.

### 20699595

Ċemplu fuq dan-numru jekk taraw xi bini jew żvilupp kontra l-liġi.

Jekk għandkom bird table, issa tistgħu tieqfu tqiegħdu l-ikel fuqha. La daħlet ir-rebbiegħa, il-kampanja issa reġgħet mimlija insetti u l-għasafar għandhom biżżejjed x'jieklu. Barra minn hekk, lill-flieles tagħhom aħjar jitimgħuhom ikel naturali bħal xgħat u ħanfus milli kejk u frak tal-pastizzi!







### Websajt

Biex titgħallmu fuq ix-xogħol tal-BirdLife żuru l-websajt **www.birdlifemalta.org**

### Websajt

Biex titgħallmu fuq l-għasafar ta' Malta u postijiet tajbin fejn tarahom żuru **www.birdinginmalta.com**

### Happy Birthday Ħuttafa!!!

B'din il-ħarġa, il-magażin għażiż tagħna jagħlaq 18-il sena.



Elisabeth Conrad

# Wied il-Għasel

Did-darba se nagħtu ħarsa lejn grupp ta' widien li f'xi partijiet għadhom naturali mhux ħażin. Dawn il-postijiet huma importanti mhux biss bħala ħabitat naturali, imma wkoll bħala postijiet sbieħ fejn wieħed jista' jmur passiġġati biex igawdi n-natura.

## Mhux wieħed imma sett

Dan l-artiklu jismu Wied il-Għasel, imma Wied il-Għasel huwa biss wieħed minn sett ta' widien li jmissu ma' xulxin. Dawn il-widien bejniethom jaqsmu medda sew ta' Malta. Is-sistema tibda ħdejn Ħad-Dingli b'**Wied Liemu**, u b'**Wied il-Busbież**, **Wied l-Għemieri** u **Wied Għomor** ħdejn ir-Rabat. Dawn jingħaqdu f'**Wied il-Fiddien**, li mbagħad isir **Wied il-Qlejgħa**, li magħruf l-iktar għall-area ta' Chadwick Lakes. Wied il-Qlejgħa jserrep biċċa ġmielha u jsir **Wied l-Isperanza** fid-daħla tal-Mosta; dan imbagħad isir magħruf bħala **Wied il-Għasel**, fejn isir iktar wiesa'. Wara li jħalli l-Mosta, Wied il-Għasel jingħaqad ma' **Wied Għajn Riħana** li jkun ġej min-naħa tal-Bidnija, u dawn jispiċċaw fl-art ċatta ta' ħdejn Burmarrad. Imbagħad jingħaqad magħhom **Wied Qannotta**, u fl-aħħar jiżbukkaw fil-baħar fis-Salini.



Alex Casha

# Ilhom xaba' żmien

Dawn il-widien x'aktarx li ffurmaw żmien twil ilu, meta l-klima ta' Malta kienet ferm differenti minn tal-lum, u meta kienet tagħmel ħafna iktar xita. Dan nafuh għaliex ma jistax ikun li widien fondi bħal Wied l-Isperanza u Wied il-Għasel jitħaffru bl-ammont żgħir ta' xita li tagħmel f'Malta llum-il ġurnata. Fil-fatt, illum dawn il-widien ma jżommux ilma matul is-sena kollha, imma fix-xhur tax-xitwa biss.

# Sinjuri fin-natura

Fil-widien tal-Mosta nsibu diversi ambjenti naturali interessanti. F'partijiet insibu MAKKJA, b'siġar bħal **Ħarrub** u **Għargħar**, arbuxxelli u pjanti mdaqqsin, bħat-**Tengħud tas-Siġra**, is-**Salvja tal-Madonna**, il-**Ħannewija** u l-**Garni**, kif ukoll pjanti li jixxebilku, bħal-**Liedna**. F'partijiet oħra jiddomina x-XAGĦRI, bi speċi bħas-**Sagħtar** u l-**Erika**. Fost pjanti rari li nsibu hawnhekk hemm il-**Putorja**, il-**Felċi tal-Ħitan tas-Sejjieħ**, l-**Għansar Ikħal** u l-**Orkida Piramidali ta' Malta**.

Fix-xitwa, f'dawn il-widien jifforma ambjent rari f'Malta: GĦADAJJAR u NIXXIGĦAT TA' ILMA ĦELU. F'dan l-ilma jgħixu flora u fawna speċjali li wkoll mhumiex komuni, fosthom il-**Gamblu tal-Għadajjar** u l-**Gamblu tal-Elmu**. Insibu wkoll insetti interessanti, inkluż speċi magħrufin biss minn dawn il-widien, jew minn ftit postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin.

Ħafna għasafar ukoll iħobbu l-widien għax joffrulhom kenn (blat, siġar, arbuxxelli, eċċ.) u ikel (frott, insetti, eċċ.). Fost dawn insibu l-**Bufula tal-Għollieq** u r-**Rożinjol** fil-qiegħ tal-wied, il-**Kuda** u l-**Bufula Ħamra** fix-xagħri u l-makkja, iz-**Zakak tad-Dell** ħdejn in-nixxigħat, u anke xi **Gallozz Iswed** fejn jinġabar l-ilma. F'dawn l-aħħar snin probabbli bejjet ukoll ir-**Rundun** fl-inħawi tal-pont ta' Wied il-Għasel.

# Dejjem fil-periklu

Matul is-snin diġà ntilfu diversi speċi minn dawn il-widien; anke widien sħaħ sparixxaw, bħal Wied Filep li nqered bil-

Alex Casha




barrieri. Għalkemm il-widien tal-Mosta illum huma [1]skedati bħala siti ta' importanza naturali, Wied il-Għasel qed jiġi mhedded minn żviluppi ġodda, li jekk isiru ħa jkomplu jirvinawlu l-karattru u l-valur naturali tiegħu. Irridu niftakru li dawn il-widien mhumiex importanti biss għall-annimali u l-pjanti li jgħixu fihom, imma anke għax jipprovdu lilna n-nies *green areas* fejn nistgħu ngawdu ftit ħdura u kampanja. Għalhekk importanti li jiġu mħarsin sew.

[1]**skedati.** Postijiet li għal xi raġuni huma mħarsin minn żvilupp, tkissir, tibdil jew twaqqiegħ. Dawn jistgħu jkunu rqajja' ta' ambjent naturali, postijiet b'veduti sbieħ, siġar antiki jew rari, bini storiku jew arkeoloġiku, eċċ.



**Felċi tal-Ħitan tas-Sejjieħ**
Rusty-back Fern

Alex Casha




**Gamblu tal-Elmu**
Tadpole Shrimp

Victor Falzon



**Għansar Ikħal**
Sicilian Squill

Victor Falzon



**Kuda**
Northern Wheatear

Sean Gray



aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Bank of Valletta